

*Festi tal-Madonna*

# Il-Madonna fuq Quddiem fil-Festi Tagħna



minn Charles Coleiro
Studju Riċerkat

Wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru, li skont xi studjużi kien ġie fl-1090, il-Gżejjer Maltin reġgħu bdew iħaddnu l-fidi Nisranija. Kienu l-missjunarji Griegi li mill-ġdid daħħlu d-devozzjoni tal-qaddisin tagħhom bħal dawk ta' San Ġorġ, San Nikola u Santa Katarina iżda l-istess Griegi magħduda dawk Ortodossi għandhom qima speċjali lejn il-Madonna, l-aktar bil-privileġġ waħdieni tat-Tlugħ tagħha fis-Sema. Ma kienx jonqos, għalhekk, li dan it-titlu fis-sena 1950 ġie ddikkjarat domma ta' fidi mill-Papa Piju XII u li sa minn żmien bikri sab il-kenn fl-ewwel kappelli u knejjes tagħna magħduda dik ta' Bir Miftuħ, illum fit-territorju tal-Gudja.

Meta l-Kavallieri ġew Malta fis-sena 1530 wara t-tkeċċija tagħhom mill-gżira ta' Rodi, komplew din il-qima Marjana u kien l-istess Gran Mastru de Valette li l-ewwel knisja tal-belt il-ġdida semmieha bit-titlu tal-Vittorja għar-rebħa li temmet l-Assedju l-Kbir tal-1565, fil-jum li jfakkar it-twelid tagħha.

Fl-Imdina, meta l-patrijiet Karmelitani bnew it-tielet kunvent tagħhom wara dak tal-Lunzjata u tal-Belt Valletta, bnew fuq is-sit fejn kienet il-knisja magħrufa bħala ta' Santa Marija ta' Rocca, fl-Imdina. Din il-knisja kienet ukoll iġġib l-isem tat-Twelid tal-Madonna kif juri l-kwadru li llum jinsab fil-knisja tal-Karmnu fl-istess belt tal-Imdina. U waqt li reġgħet qed tissemma l-Imdina, wieħed jiftakar ukoll li l-Knisja Katidrali ta' din il-belt antika kellha l-ewwel kwadru titulari li juri l-Assunta. Meta nbena l-katidral wara t-terrimot tas-seklu 17, inħasset il-ħtieġa li jissemma għall-konverżjoni ta' San Pawl. Il-katidral sieħbu fid-djoċesi Għawdxija wkoll iġib l-isem tal-Assunta bil-festa kmandata li ssir nhar il-15 t'Awwissu segwita mill-festa l-oħra b'ġieħ l-Inkurunazzjoni tal-Madonna fil-parroċċa taż-Żebbuġ, Ħadd wara l-festa tal-Belt Victoria.

Ma jonqosx li tissemma l-Bażilika Santwarju tal-Madonna ta' Pinu li għalkemm ma ssirx festa esterna hi santwarju nazzjonali Marjan. Ta' min isemmi wkoll li l-festa ta' Santa Marija hija l-aktar festa popolari fil-gżejjer Maltin u bir-raġun tissejjaħ 'l-Għid tal-Assunta'. Minbarra li hawn bosta parroċċi li jġibu isimha, fosthom dik tal-knisja l-qadima ta' Birkirkara, niltaqgħu ma' kappelli u knejjes oħra bħal dik ta' Ħal Muxi fit-tarf ta' Ħaż-Żebbuġ u l-oħra ta' Bubaqra, iż-Żurrieq li jagħmlu festi oħra biex ifakkru t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. Oħrajn bħal dik Tas-Samra fil-Ħamrun u l-oħra Tal-Ħlas fil-limiti ta' Ħal Qormi jqanqlu devozzjoni kbira fost il-poplu.

Dwar is-Santwarji Marjani bix-xbihat inkurunati, jissemmew fost l-oħrajn, dawk tal-Madonna tal-Mellieħa, Tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar, l-istatwa tal-Bambina tal-Isla, il-Kunċizzjoni, Bormla, Tal-Karmnu fil-Belt Valletta u Santa Marija, il-Mosta, kollha bil-festi li jiċċelebraw fil-bliet u l-irħula tagħhom. Oħrajn bħal Tal-Ħerba, Birkirkara u l-Madonna ta'

Caraffa meqjuma fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann iqanqlu devozzjoni kbira mis-santwarji tagħhom.

Din il-kitba ma tistax, għar-raġuni ta' spazju, issemmi kull rokna, knejjes, kappelli u niċeċ madwar Malta u Għawdex li permezz tagħhom, taħt titlu jew ieħor, aħna bħala poplu nuru fil-beraħ id-devozzjoni li għandna lejn il-kult Marjan. Kull epoka kellha t-tifsira meta bdew joħorġu parroċċi ġodda jew isiru festi oħra fl-istess parroċċa. Meta bdiet tinxtered u tissaħħaħ id-devozzjoni lejn il-Madonna wara d-dehriet tagħha f'Lourdes fl-1858, il-knejjes tagħna aġġornaw għal titlu ieħor Marjan u maż-żmien mhux fil-bogħod, xi knejjes iżżejnu bix-xbieha tagħha.

Dik tal-Qrendi, bil-ħeġġa tal-fratellanza, bdiet tagħmel festa oħra lill-Madonna ta' Lourdes ma' dik tat-titular. Aktar qrib lejna, l-aħħar parroċċa li twaqqfet f'Raħal Ġdid issemmiet għall-Madonna ta' Lourdes u bix-xieraq insellmu l-parroċċa żagħżugħa ta' San Ġwann li kburija ġġib ukoll isem il-Madonna ta' Lourdes. U ma jingħaddux in-niċeċ bl-istatwa ta' Lourdes mhux biss fil-knejjes iżda dawn jifirxu dehra familjari wkoll fil-btieħi u l-ġonna tad-djar.

Il-Madonna kompliet tidħol fil-qalba tal-ħajja tagħna bi kwadri u statwi oħra bix-xbihat u fratellanzi tal-Madonna tar-Rużarju nistgħu ngħidu f'kull parroċċa. Devozzjonijiet oħra msieħba mal-festi huma dawk tal-Madonna tal-Karmnu, li ġa ssemmiet, tal-Madonna taċ-Ċintura u oħrajn taħt titli diversi bħal Tal-Ġilju, Stella Maris, is-Sacro Cuor, Tas-Saħħa, Tas-Sokkors, Tad-Dutrina u Tal-Ġebla, li din bdiet min-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Gżira meta xi baħrin tefgħu xi ġebel li baqgħu mwaħħlin mal-ħġieġa.

Mill-kelma 'niċċa' li ssemmiet, xtaqt inqiegħed fin-niċċa li jixirqilha l-Madonna fil-qalb tagħna bħala poplu eminentement Marjan. Hekk li ġrajjiet li seħħew fis-seklu għoxrin ġabu magħhom titli oħrajn. Mad-dehriet f'Lourdes u mhux wisq tant żmien ilu, ġo Fatima (biex insemmu tnejn) twaqqfu parroċċi mill-aħħar gwerra 'l hawn b'titlu Marjan kif ġa ssemmew. Hekk li minbarra dik ta' San Ġwann u ta' Raħal Ġdid b'dedika lill-Madonna ta' Lourdes, parroċċa oħra, dik ta' Gwardamanġa ssemmiet għall-Madonna ta' Fatima u r-raħal ta' Burmarrad, qiegħed il-knisja parrokkjali tiegħu taħt il-mant tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Hija lista twila dik tal-festi li jagħtu ġieħ lill-Madonna f'tant irħula u bliet madwar Malta u Għawdex.

F'dan l-istudju stajt nagħti biss ħjiel, biżżejjed biex il-qarrej jagħraf b'sentiment għażiż, is-siwi tal-kotra ta' manifestazzjonijiet li jsiru f'pajjiżna b'rabta mal-Madonna, tabilħaqq "Omm il-Maltin", frażi tant sabiħa mnaqqxa taħt ix-xbieha tagħha fuq il-faċċata tal-knisja ta' Burmarrad.

The Village
HOMES & ANTIQUES
53, Mensija Road, San Ġwann
Tel: 2137 8036 • Mob: 7922 2255

Past Times
Antiques
108, Naxxar Road
San Ġwann